MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2010

Avviz Numru. 411/2009

**Valhmor Borg Import Export Limited – C 3062**

**Vs**

**Rosaria Gauci bhala d-debitur principali u John Cameron bhala garanti flimkien u in solidum mad-debitur principali**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenuti fil-kwalita taghhom premessa ghall-hlas ta' €6114.71 (sitt elef, mija u erbghatax l-ewro u wiehed u sebghin centezmu) rapprezentanti l-prezz bilancjali ta’diversi konsenji ta’ prodotti ghall-konsum, kif ukoll jhallsu l-imghaxijiet ta’ diversi konsenji ta’ prodotti ghall-konsum, kif ukoll jhallsu l-imghaxijiet legali dekorribbli mis-26 ta’ Awissu 2009 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk, tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju numru 3246/2009 MG fl-ismijiet premessi, tat-taxxa fuq l-valur mizjud nkonnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn l-proceduri. Il-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex l-istess konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, l-istess konvenut naqas u ma deherx fit-22 ta' Settembru 2010 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 16 u fol 21 tal-istess atti.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut John Cameron fil-kwalita tieghu premessa sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ €6114.71 bl-imghaxijiet legali mis-26 ta’ Awissu 2009 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll nofs (1/2) l-ispejjes ta’ dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju numru 3246/2009 MG. In rigward il-konvenuta fil-kwalita taghha premessa ghandhom jitkomplew il-proceduri in esami fil-konfront taghha skond l-verbal tas-seduta tallum stess.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------